

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2007 — Focus Magazin Verlag vs L-UASI — Editorial Planeta (FOCUS Radio)**

(Kawża T-357/07)

(2007/C 269/118)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Focus Magazin Verlag GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. C. Müller, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (*Trade marks* u *Disinni*)

*Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell:* Editorial Planeta, SA (Barcelona, Spanja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla n-Nru 1, Nru 3 u Nru 4 tad-Deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-30 ta' Lulju 2007, fil-proċedura ta' oppożizzjoni Nru B 516 742 (Applikazzjoni għal *Trade mark* Komunitarja Nru 2 340 289);

— temenda d-deċiżjoni kkontestata msemmija fin-Nru 1 sabieħ tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għat-*trade mark* Komunitarja kkontestata għall-prodotti u s-servizzi li ġejjin:

— Klassi 9 — Kompjuters u apparat li jipproċessa d-data; memorja għal apparat li jipproċessa d-data; tagħmir ta' kull tip li fuqu tinżamm data li tinkludi informazzjoni u li tinqara minn magni, u tagħmir li fuqu jinżammu ħsejjes u stampi rreġistrati, b'mod partikolari *floppy discs*, CD-ROMs, DVDs, *chip cards*, *magnetic cards*, *cassettes* għall-vidjo, *compact discs* u diski għall-vidjo; ġabra ta' informazzjoni rreġistrata fuq tagħmir li fuqu tinżamm data;

— Klassi 16 — Materjal stampat, materjali stampati, perjodiċi, gazzetti, kotba, stikers, kalendarji, oġġetti neċessarji għall-uffiċċju (ħlief għamara), materjal istruttiv u għat-tagħlim (ħlief apparat), inklużi fil-klassi 16;

— Klassi 41 — Divertiment fost divertiment ieħor tar-radju; it-twetiq ta' attivitajiet ta' divertiment, attivitajiet *live*, attivitajiet kulturali u sportivi, inklużi fil-klassi 41.

— tikkundanna lir-rikorrenti tbat i-ispejjeż għall-proċedura ta' oppożizzjoni inklużi dawk għal dan ir-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-*trade mark* verbali "FOCUS Radio" għal prodotti u servizzi fil-klassi 9, 16, 35, 38, 41 u 42 — Applikazzjoni Nru 2 340 289

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:* Editorial Planeta, SA

*Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:* It-*trade marks* nazżjonali verbali u figurattivi "FOCUS MILENIUM", "PLANETA FOCUS 99" għal prodotti u servizzi fil-klassi 9, 16 u 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni:* Tilqa' l-oppożizzjoni parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:* Tannulla parzjalment id-deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni u tiċħad parzjalment l-applikazzjoni għal *trade mark* Komunitarja

*Motivi invokati:* Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li m'hemm l-ebda xebh rilevanti bejn it-*trade marks* kunfliġġenti u għaldaqstant m'hemm l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni.

**Rikors imressaq fl-14 ta' Settembru 2007 — El Fatmi vs Il-Kunsill**

(Kawża T-362/07)

(2007/C 269/119)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Nouriddin El Fatmi (Amsterdam, l-Olanda) (rappreżentant: J. Pauw, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

- tiddikjara lir-Regolament (KE) Nru 2580/2001 inapplikabbli u/jew tannulla d-Deċiżjoni 2007/445 safejn dawn it-testi japplikaw għar-rikorrent.
- tikkundanna lill-Kunsill ibati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni l-ewwel nett li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu <sup>(1)</sup> huwa inapplikabbli għalih billi mhemm l-ebda rabta bejn il-politika barranija u ta' sigurtà komuni miegħu nnifsu.

It-tieni nett, ir-rikorrent isostni li r-Regolament Nru 2580/2001 ma japplikax għalih billi la wettaq atti terroristiċi u lanqas bi ħsiebu jwettaq jew li jipparteċipa u li jiffaċilita t-twettiq tagħhom.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u mhijiex immotivata biżżejjed.

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, p. 70.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2007 — M. Ahmed Hamdi vs Il-Kunsill**

(Kawża T-363/07)

(2007/C 269/120)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrent: Sur Ahmed Hamdi (Amsterdam, l-Olanda) (rappreżentant: J. Pauw, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropej

**Talbiet tar-rikorrent**

- tiddikjara r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 inapplikabbli u/jew tannulla d-Deċiżjoni 2007/445 safejn dawn it-testi japplikaw fil-konfront tar-rikorrent.
- tikkundanna l-Kunsill ibati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001, tas-27 ta' Diċembru 2001, dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu <sup>(1)</sup> mhux applikabbli fil-konfront tiegħu, peress li ma hemm ebda rabta bejnu u bejn il-politika barranija u ta' sigurtà komuni.

It-tieni nett, ir-rikorrent isostni li r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 ma japplikax fil-konfront tiegħu peress li huwa ma jwettaqx u lanqas ma jipprova jwettaq atti ta' terroriżmu u lanqas ma jipparteċipa fihom jew jiffaċilitahom.

Finalment, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, mhijiex motivata b'mod adegwat, u tikser id-drittijiet fundamentali tiegħu u, b'mod partikolari, id-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, p. 70.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2007 — Il-Latvja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-369/07)

(2007/C 269/121)

Lingwa tar-rikors: il-Latvjan

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: E. Balode-Buraka, K. Bārdiņa)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)3409 tat-13 ta' Lulju 2007 dwar l-emenda tal-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li l-Latvja nnotifikat skond l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2006/5612 tad-29 ta' Novembru 2006 (test finali) dwar il-pjan nazzjonali ta' l-allokazzjonijiet ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, li l-Latvja kienet innotifikat skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE <sup>(1)</sup>
- tordna lill-Kummissjoni tbat l-ispejjeż, u
- tiddeċiedi r-rikors permezz tal-proċedura mħaffa.